Kunsill Lokali Ħal Tarxien

# Rapport Annwali Amministrattiv

Jannar– Dicembru

2020

73, TRIQ SANTA MARIJA, ĦAL TARXIEN TXN 1704

# *Table of Contents*

**1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku ... 3**

**2.0 Il-Kunsill Lokali ... 4**

2.1 Il-Kunsill ... 4

2.2 Responsabilitajiet tal-Kunsilliera ... 5

2.3 Seduti tal-Kunsill Lokali ... 6

2.4 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill ... 6

**3.0 Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali ... 7**

3.1 Il-Finanzi ... 7

**4.0 Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali ... 9**

4.1 Dettall tar-rapport ta' ħidma implimentat mis-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera ... 9

4.2 Konkluzjoni ... 15

## 1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku

Minn l-1 ta` Lulju 2019 il-quddiem il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien kompla bil-ħidma tieghu billi baqgha jzid diversi *clean-ups* f' żoni madwar ir-raħal u nedukaw lir-residenti sabiex ir-rahal jilhaq l-ghan tieghu fl-indafa. Bqajna nirranġaw diversi toroq u bankini bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali u qed niehdu ħsieb il-bdil ta' tabelli, żebgħa tar-*road markings* u manutenzjoni oħra li hemm bżonn fuq barra fit-toroq u l-ispazji pubbliċi tal-lokal.

Ghalkemm il-pandemija zammitna milli naghmlu dak kollu li kien prevvist xorta rnexxilna norganizzaw attivita' kultarali fejn saret wirja id-Dar tal-Kejka u gew esibiti artefacts Punici li nstabu f'oqbra fil-lokalita' u nzammu wkoll work shops relatati. Il-wirja giet organizzata flimkien mas-sovrintendenza tal-wirt kulturali u l-iscouts group tal-lokal u hemm intenzjoni li wirjiet simili jibqghu jsiru kull sena b'tema differenti sabiex ir-residenti jkunu mgħarfa aktar dwar il-wirt storiku tal-lokalita'.

Il-Kunsill irenexxilu wkoll japplika ghall-skema sabiex jinzammu attivitajiet ta' ezercizzji fizici ghaz-zaghzag. L-intenzjoni tal-Kunsill Lokali hi li tali attivitajiet jibqghu jinzammu kull sena sabiex ikun hawn aktar għarfien dwar is-saħħa. Skema ohra li applika ghaliha l-Kunsill u qed tigi mplimentata hija dik tal-LC Care, fejn ordnajna djar ghall-qtates ghall-gonna taghna, kif ukoll xtrajn l-ikel sabiex ghal *Cat feeders*.

Il-Kunsill applika għall-skemi li minn żmien għal żmien jinħargu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fosthom l-iskema tan-*Norway Funds*, fejn inghatajna għajnuna finanzjarja sabiex niskattaw il-process ta' *reach out centre- Community Hall*, u nkunu nistghu norganizzaw attivitajiet varji u tghalim għar-resident ta' kull eta.

Progett iehor li talab ghalih il-Kunsill Lokali huwa r-rinovazzjoni tal-Pjazza, flimkien ma' Triq Sqajjaq u l-parkegg tal-iskola. Dan il-Progett se jigi mplimentat minn *Infrastructure Malta* b'konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill se jibqgħa jaħdem bla qies sabiex is-sitwazjoni finanzjarja titjib u hekk ir-resident ikun acevolat u moqdi mill-ahjar kif jixraq u nkomlu nsebhu l- lokalita' taghna f'kull aspett.

Nixtieq intemm id-diskors tiegħi billi nirringrazzja lil dawk l-entitajiet li tant urew solidarjeta mal-Kunsill tagħna f'dawn ix-xhur minn meta ġejna eletti, kif ukoll grazzi mill-qalb lilkom ir-residenti tal-fiduċja li tajtuna sabiex il-ħidma tagħna tkun suċċess.

J. Ab Gu

Joseph Abela
*Sindku*

# 2.0 Il-Kunsill Lokali

## *2.1 Il-Kunsill*

Ħal Tarxien huwa raħal b'popolazzjoni ta' madwar 8,627 persuna. Għalhekk skont il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien huwa kompost minn seba` kunsilliera, b'Sindku u Viċi-Sindku eletti direttament mill-poplu. Matul is-sena 2020, il-Kunsill lokali baqgħa jħejji aktar pjanijiet sabiex sa tmiem l-istess leġislatura, ikun jista' jimplimenta numru ta' inizjativi u proġetti fil-lokalita' għall-ġid ta' raħal u tal-komunita' tiegħu.

Permezz tar-reponsabiltajiet mogħtija lil kull Kunsillier il-ħidma għar-raħal għaddejja b`kontinwita u qed jittiehdu inizjattivi sabiex il-Kunsill ikun aktar vicin ir-residenti u nkomplu nsebbħu l-lokalita` kif jixirqila.

Il-parti amministrativa tal-Kunsill Lokali hija immexxija mis- Segretarju Ezekuttiv megħjun minn ħaddiema amministrattivi. Flimkien ma`l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tieħu ħsieb tikkordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet eżekuttivi li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill Lokali.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi ffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi permezz ta' ħaddiema assenjati, għajnuna volontarja, ir-residenti kif ukoll il-membri tas-Sotto-Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsilliera u li xogħolhom ikun illi jiddiskutu u jressqu proposti li imbagħat jiġu diksussi waqt is-Seduti tal-Kunsill Lokali li jinżammu mill-lanqas darba f`xahar jew meta jkun meħtieġ.

Il-Kunsill Lokali sar aktar viċin il-pubbliku permezz tal-media, ittri mibghuta fir-residenza u żewg laqgħat annwali miftuha ghall-pubbliku fejn il-Kunsill ikun jista` jwassal u jiddiskuti l-ħidma tiegħu u anke jilqgħa suġġerimenti u lmenti tar-residenti.

## 2.2 *Responsabilitajiet tal-Kunsilliera*

Hija prerogattiva tas-Sindku li kull Kunsillier elett jingħata responsabbilitajiet ta' setturi varji biex fihom kull Kunsillier jaħdem biex il-programm elettorali u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma tal-Kunsill ikun iffaċilitat. Għal dan il-għan, ir-responsabbilitajiet tal-Kunsilliera u tas-Sindku innifisha kif deċiż mis-Sindku kienu dawn:

**Sindku - Joseph Abela Galea responsabbli minn;**

Indafa
Ambjent

**Viċi Sindku – Darlene Vella Zammit responsabbli minn**;

Anzjani u Qasam Soċjali
Trasport

**Kunsillier – Neil Portelli responsabbli minn;**

Zagħzagh u Tfal
Sports u Attivitajiet Fiżiċi

**Kunsillier – Thomas Debattista responsabbli minn;**

Infrastruttura
Proġetti Strutturali
Integrazjoni Soċjali

**Kunsillier – Christian Pace responsabbli minn;**

Storja
Komunitajiet
Kultura

**Kunsillier – Ismael Dalli se responsabbli minn;**

Innovazzjoni
Saħħa

**Kunsillier - Anabelle Marmara' responsabbli minn;**

Edukazzjoni
Familja
Ħarsien ta' l-Animali

## 2.3 *Seduti tal-Kunsill Lokali*

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Dicembru 2020, fit-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali nżammu ħdax il-laqgħa (13) tal-Kunsill, fosthom laqgħa annwali waħda għall-pubbliku fejn ġie preżentat ir-Rapport Amministrattiv u l-*Budget* għas-sena 2021.

## 2.4 *L-Amministrazzjoni tal-Kunsill*

L-Istaff kollu tal-Kunsill iwettaq b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa mpossibli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu l-istaff tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor li jikludi progetti tal-Kunsill ħafna drabi jkun impenjattiv, xogħol li jkun kontinwu bi preparazzjoni u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta minn Segretarju Eżekuttiv li hu responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani, kif ukoll minn ħames skrivani li jgħinu fl-operat kollu tal-Kunsill.

Matul din is-sena l-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill kienu ghamlu xogħol varjat fuq barra fil-lokal. Fosthom, road markings, tindif ta` ġonna pubbliċi, knis, tindif tal-letrina, installazzjoni ta` tabelli ġodda, tindif ta` spralli u ħafna aktar xogħol siewi fil-lokal Tarxiniez.

Apparti s-servizz professjonali dirett lir-residenti il-Kunsill Lokali jirreġistra l-ilmenti li jidħlu mill- individwi li javviċinaw lill-Kunsill Lokali. Minkejja li kif imtenni jeżisti reġistru, f'sena kalendarja jidħlu mijiet ta' ilmenti oħra li ma jiġux reġistrati għaliex tittieħed azzjoni dwarhom b'mod immedjat. Il-Kunsill jieħu ħsieb ukoll ilmenti li jaslu għandu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jew minn entitajiet oħra.

Il-ħidma fuq dawn l-ilmenti tokkupa regolarment lill-impjegati tal-Kunsill fuq bażi kwotidjana. Dawn minbarra li janalizzaw il-problemi, jiddiskutuhom mas-Sindku u mas-Segretarju Eżekuttiv għall-azzjoni li għandha tittieħed u jibdew proċeduri ta' verifika ta' dawn l-ilmenti, li uħud minnhom ma jkunux verifikabbli kif ukoll jaraw li jinfurmaw lid-dipartimenti, jew kuntratturi u persuni responsabbi.

# 3.0 Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali

## *3.1 Il-Finanzi*

| | DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2020 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2020 € |
|---|---|---|---|---|---|
| | **Income** | | | | |
| 1 | **Funds received from Cental Government:** | | | | |
| | 0001 In terms of section 55 CAP 363 | 651,126 | 596,264 | | 596,264 |
| | 0002-0004 In terms of section 58 CAP 363 | | | | - |
| | 0005-0019 Other income | - | | | - |
| | | **651,126** | **596,264** | - | **596,264** |
| 2 | **Income raised from Bye-Laws** | | | | |
| | 0021-0025 Community Services | | | | - |
| | 0026-0035 Income from Permits | 17,388 | 26,000 | | 26,000 |
| | | **17,388** | **26,000** | - | **26,000** |
| 3 | **Local Enforcement Income** | | | | |
| | 0037 Commission from Regional Committees | | | | - |
| | 0038-0055 Contraventions | 28,878 | 5,000 | | 5,000 |
| | | **28,878** | **5,000** | - | **5,000** |
| 4 | **Investment Income** | | | | |
| | 0091-0095 Bank interest | 88 | | | - |
| | 0096-0099 Income received from Govermnet Securities | | | | - |
| | | **88** | - | - | - |
| 5 | 0056-0065 Sponsorships | | | | - |
| | 0066-0069 Documents & Information | | | | - |
| | 0070-0075 EU funds | | | | - |
| | 0076-0080 Twinning | | | | - |
| | 0081-0089 Insurance Claims | | | | - |
| | 0100-0109 Donations | | | | - |
| | 0110-0119 Contributions | | | | - |
| | 0120-0129 General Income | 41,933 | 54,056 | | 54,056 |
| | | **41,933** | **54,056** | - | **54,056** |
| | **Total** | **739,413** | **681,320** | - | **681,320** |

| | | DESCRIPTION | Actual for the Period | Annual Budget 2020 | Virements for the Period | Revised Annual Budget 2020 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | € | € | € | € |
| 6 i) | | **Personal Emoluments** | | | | |
| | 1100 | Mayor's Allowance | 14,789 | 15,085 | | 15,085 |
| | 1200 | Employees' Salaries & Wages | 98,216 | 92,937 | | 92,937 |
| | 1300 | Bonuses | 20,818 | 9,294 | | 9,294 |
| | 1400 | Income Supplements | | | | - |
| | 1500 | Social Security Contributions | 11,266 | 10,802 | | 10,802 |
| | 1600 | Allowances | 15,400 | 15,708 | | 15,708 |
| | 1700 | Overtime | 4,682 | 5,000 | | 5,000 |
| | | | **165,171** | **148,826** | - | **148,826** |
| | | DESCRIPTION | € | € | € | € |
| 7 | | Operations and Maintenance | | | | |
| | 2100-2149 | Public Utilities | | | | - |
| | 2200-2259 | Public Materials & Supplies | 16,612 | 1,800 | | 1,800 |
| | 2300-2399 | Repairs & upkeep | - | 44,000 | | 44,000 |
| | 2400-2449 | Rent | | | | - |
| | 3010 | Street Lightning | | | | - |
| | 3020 | Lease of Equipment | | | | - |
| | 3030 | Insurance | | | | - |
| | 3035 | Bank Charges | | | | - |
| | 3038 | Penalties | | | | - |
| | 3041 | Refuse Collection | 80,629 | | | - |
| | 3042 | Bulky Refuse Collection | 28,696 | 74,000 | | 74,000 |
| | 3043 | Bins on wheels | | 22,000 | | 22,000 |
| | 3045 | Bring in sites | | | | - |
| | 3051 | Road & Street Cleaning | 40,348 | 70,000 | | 70,000 |
| | 3052 | Cleaning & Maintenance of Non-Urban Areas | | 38,000 | | 38,000 |
| | 3053 | Cleaning of Public Conveniences | - | | | - |
| | 3055 | Cleaning of Council Premises | | | | - |
| | 3040 | Waste Disposal | 43,530 | | | - |
| | 3060 | Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens | 7,543 | 20,000 | | 20,000 |
| | 3061 | Cleaning & Maintenance of Soft Areas | | | | - |
| | 3062 | Cleaning & Maintenance of Beaches & CA | | | | - |
| | 3063 | Cleaning & Maintenance of Country Non-Urban | | | | - |
| | 6064 | Other Contractual Services | | 7,000 | | 7,000 |
| | 3070-3090 | Consultation Fees | | | | - |
| | 3100-3139 | Contract & Project Management | | 8,717 | | 8,717 |
| | 3300-3379 | Hospitality | | | | - |
| | 3380-3389 | Community | | | | - |
| | 3390-3394 | Donations | | | | - |
| | 3600-3694 | Local Enforcement Expenses | | | | - |
| | 3700-3799 | EU Projects | | | | - |
| | 3800-3899 | Twinning | | | | - |
| | | | | | | - |
| | | | **217,358** | **285,517** | - | **285,517** |
| 8 | | **Administration** | | | | |
| | 2150-2199 | Office Utilities | 7,189 | 6,500 | | 6,500 |
| | 2260-2299 | Office Materials & Supplies | - | | | - |
| | 2450-2499 | Office Rent | 3,029 | 1,200 | | 1,200 |
| | 2500-2599 | National & International Memberships | - | 1,700 | | 1,700 |
| | 2600-2699 | Office Services | 5,881 | 7,500 | | 7,500 |
| | 2700-2799 | Transport | 1,274 | 2,000 | | 2,000 |
| | 2800-2899 | Travel | - | | | - |
| | 2900-2999 | Information Services | 40 | 150 | | 150 |
| | 3050 | Office Cleaning | | | | - |
| | 3410-3199 | Professional Services | 46,604 | 15,000 | | 15,000 |
| | 3200-3299 | Training | | | | - |
| | 3335 | Office Hospitality | 662 | 3,000 | | 3,000 |
| | 3400-3499 | Incidental Expenses | | | | - |
| ontractual services | | | 10,609 | | | - |
| | | | **75,488** | **37,050** | - | **37,050** |
| 9 | | **Finance Costs** | | | | |
| | 3036 | Interest on Bank Loan | 149 | | | - |
| | | bank fees + IFRS 16 | - | 1,750 | | 1,750 |
| | | | **149** | **1,750** | - | **1,750** |

# 4.0 Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali

## *4.1 Dettall tar-rapport ta' ħidma implimentat mis-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsilliera*

**Joseph Abela Galea**
**Sindku responsabbli mill-Indafu u Ambjent**

Bħala Kunsill għamilna mezz li l-indafa u l-ambjent ikunu parti integrali fil-ħidma tagħna. Rajna li t-tindif u l-affarijiet kollha li jaqgħu taħt dan id-dekasteru, isiru regolari speċjalment f'postijiet li huma ħafna ffrekwentati mir-residenti Tarxiniżi. Bdejna billi rajna li l-għaxar ġonna li għandna ġewwa Ħal-Tarxien li huma; Ġnien Santa Marija, Ġnien Misrah Buleben, Ġnien 2000, Joanne Garden, Ġnien Misraħ Raħeb, Ġnien Penza, Ġnien Kurunell Mass, Ġnien Mark Farrugia, Ġnien Ovindoli u l-Ġnien ta' ħdejn it-Tempji Neolitiċi ikunu dejjem fi stat tajjeb. Dan jinkludi tindif fil-ġonna u fiż-żona tal-madwar, tindif u tbattil tal-bins tal-iskart, knis u ġbir ta' skart.

Rigward il-gażibo li tinsab fil-ġnien ta' ħdejn it-tempji, għamilna t-tindif u l-manutenzjoni meħtieġa flimkien mal-ġonna, innadfu ukoll regolari l-bandli ta' Ġnien Santa Marija, Joannes Garden u Misrah Buleben.Postijiet oħra fejn l-indafa qed tingħata importanza kbira huma l-isqaqien kollha li jinsabu ġewwa Ħal-Tarxien bħal sqaq l-Erwieh, l-isqaqien fi Triq Santa Marija flimkien ma' Triq Sant Anna u Triq il-Blata, u l-isqaqien kollha ta' wara l-knisja. Apparti dawn, qed jitnadfu ukoll fuq bazi regolari Misraħ is-Suq, Misraħ Repubblika, Misraħ Raħeb u Pjazza Agatha Barbara.

It-toroq ta' Ħal-Tarxien saru ukoll parti fundamentali fid-dekasteru ta' l-indafa u ambjent. It-toroq prinċipali bħal Triq tal-Barrani, Triq Ħal-Luqa, Triq id-Dejma, Triq San Anard, Triq Paola, Triq Santa Marija, speċjalment ħdejn il-Berġa u fejn il-Monument tal-Gwerra, Triq Palma u r-*roundabout* li tagħmel parti mill-konfini ta' Ħal-Tarxien. Għamilna wkoll mezz li ma jinġemax xi tip ta' ħmieġ, skart u ħaxix ħażin. Din il-miżura ttieħdet ukoll għat-toroq li m'humiex prinċipali, imma huma traffikuzi jew frekwentati mill-abitanti bħal Triq Xintill, Triq is-Sorijiet, Triq Kelinu Cachia, Triq il-Ħaġar, Triq il-Fieres u Triq Betta.

Is-Sindku spjega li apparti d-dekasteru tieghu, l-Kunsilliera ghandhom ukoll id-dekasteri taghhom fejn bla ebda dubju bi pjacir jaghti sehmu u jghin kontinwament meta jkun hemm il-bzonn u meta mitlub minnhom. Is-Sindku assigura li s-sena 2020 kienet wahda mimlija impejnji ghad-dekasteri kollha u stieden kill-Kunsillera ssbiex jaghtu sommarju, tax-xogholijiet li twettqu permess tal-hidma kontinwa taghhom.

**Darlene Vella Zammit**
**Vici Sindku responsabbli mill-Anzjani, Qasam Socjali u Trasport**

Din is-sena kienet partikolari għal kulħadd minħabba l-pandemija iżda x-xogħol xorta baqa' għaddej kemm għall-ġid tar-residenti kif ukoll għal-lokalita' tagħna.

Wieħed mid-dekasteri tiegħi huwa l-anzjani. F'Jannar li għadda kien beda l-programm 'Piż Tajjeb għal Saħħtek'. Għall- anzjani tagħna dan kien programm interessanti ħafna b' informazzjoni u linji gwida ta' kif għandek tiekol u tagħmel l-eżerċizzju, iżda minħabba l-Covid sfortunatament kellna nwaqqfu dan il-programm ħesrem.

Minħabba s-sitwazzjoni li għadna għaddejin minnha l-unika attivita' li kellna din is-sena kienet nhar it- 3 ta' Marzu. Din kienet ħarġa għal Għawdex fejn kellna rispons tajjeb ħafna u kienu attendew numru sabiħ ta' persuni.

F'Ottubru li għadda avviċinajt lill-familja ta' Francesca Briffa biex tiġi nnominata mill-familja tagħha għall-Premju n-Nanna tas-Sena. Bi pjaċir inħabbar li għall-ewwel darba dan il-premju intrebaħ minn persuna Tarxiniża. Tassew premju mistħoqq għal din l-anzjana ħabrieka.

Wara hafna laqgħat ma' Transport Malta fuq id-direzzjonijiet tat-traffiku l-area ta' Triq San Anard u kif ukoll l-area ta' Triq Lorenzo Gonzi waslu biex jiġu ffinalizzati. B'hekk ikollna aktar sigurta fit-toroq tagħna għall- ġid tar-residenti. Wara li din iż-żona tkun lesta, flimkien ma' Transport Malta nkomplu naħdmu fuq toroq oħra fil-lokalita' tagħna.

F'Gunju li għadda kien ippjanat li norganizza l-ewwel laqgħa informattiva fuq il-Bullying biex b'hekk inkun ta' għajnuna flimkien mal-NGO's oħra lil dawn il-persuni. Ma hemmx għalfejn tibża titkellem għax hawn xi ħadd li jista' jkun ta' għajnuna għalik. Minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija din il-laqgħa kellha titħassar iżda nittama u ottimista li dak li kien ippajanat għas-sena 2020, isir is-sena d-dieħla.

**Neil Portelli**
**Kunsillier responsabbli miz-Zaghzagh, Tfal, Sports u Attivitajiet**

Sfortunatament minħabba l-imxija tal-COVID-19, il-pjan imfassal għas-sena 2020 fejn jidħol il-qasam ta' Żgħażagħ, Sports, Tfal u Attivitajiet Fiżiċi kellu jitħassar fuq fatturi li aħna ma kelliex kontroll minnhom.

Fl-aħħar appuntament flimkien, kont tkellimt kif kienu pjanati numru ta' attivitajiet fiżiċi u sportivi li jirrigwardjaw lil nies ta' kull eta' iżda sfortunatament għal darb'oħra kellna nerġgħu nippostponu kollox għas-sena d-diehla.

Wara ħidma sfieqa, iktar kmieni din is-sena l-Kunsill ibbenefika minn fondi sabiex jiġu organizzati attivitajiet li l-għan primarju tagħhom huma l-attivita fiżika u ż-żgħażagħ fis-soċjeta tagħna. Ovvjament u kontra qalbi ikolli ngħid li dak li kien pjanat irid jistenna ftit sakemm is-sitwazzjoni fil-pajjiż tippermetti li dan isir.

**Thomas Debattista**
**Kunsillier responsabbli minn Infrastruttura, Progetti Strutturali, Integrazzjoni**

Il-Ħidma Kunsill Lokali 2020 hija vasta ħafna fuq id-Dekasteru li jien ġejt fdat biex nagħmel, li huma, Infrastruttura, Progetti strutturali u Integrazzjoni Soċjali.

Matul is-sena saru xi toroq u kollox mexa tajjeb, għalkemm sibna ħafna ħsarat fl-ilma, dranaġġ, kalvers ta' l-ilma fost etc.

Fil-proġetti strutturali u integrazzjoni soċjali, dejjem inħares il-quddiem biex inkun ta' għajnuna għar-residenti Tarxiniżi.

Grazzi ħafna lis-Sindku, lil Viċi Sindku, lil Sħabi l-Kunsilliera kollha u lis-Segretarju tal-koperazzjoni tagħhom.

**Christian Pace**
**Kunsillier responsabbli minn Storja, Komunitajiet u Kultura**

Is-sena 2020 kienet sena difficli ferm minhabba il-pandemija li laqtet lid-dinja inkluz pajjizna u li minhabba f'hekk diversi progetti u attivitajiet kellhom jigu posposti jew sahansitra imhassra fosthom attivitajiet tal-Gimgha Mqaddsa, il-festa ta' Marija Annunzjata u anka il-festa tal-Madonna tad-Duttrina li giet iccelebrata b'mod ridott hafna.

Bhala Kunsillier responsabbli mill-Ghaqdiet, Kultura u Storja nista nghid li dak li xtaqt inwettaq matul din is-sena ser ikolli nipposponih ghas-sena id-diehla meta jekk Alla jrid l'affarijiet jibdew gejjin lura ghan-normal. Qabel faqqat il-pandemija bdejt niltaqgha mal-ghaqdiet fejn fost l'ohrajn kelli laqgha mal-Ghaqda Kultura u Armar Marija Annunzjata u mat-Tarxien Pageant Group u dan sar bi thejjija ghaz-zewg pageants li kellhom jigi mtellgha matul il-Gimgha Mqaddsa. Matul l'istess perjodu l'Ghaqda Kultura u Armar kienu ghaddejin b'hidma kbira biex jippreparaw ghal Karnival ta' Malta u min qalbi nirringrazjahom li leqawni f'wiehed mill-imhazen taghhom fejn spjegawli ix-xoghol li jaghmlu. Tassew xoghol mill-isbah maghmul kollhu bl'idejn mhux ta' b'xejn li ghal sena ohra regaw hargu bl'unuri kollha hekk kif huma u fergha ohra mill-ghaqda li huma il-Lookstar Dancers Tarxien rebhu l'ewwel premju f'Sezzjoni B, C u D fil-Karnival ta' Malta 2020. Grazzi tal-unur li ta' kull sena taghmlu ghal Hal Tarxien taghna. Fil-pjanijiet kelli li nzur aktar mhazen u ghaqdiet biex nitghallem dwar il-hidma li jwettqu matul is-sena izda kif ghidt qabel il-pandemija harbtet kollox fejn anke kelli nipposponi li nifforma sotto-kumitat tal-Ghaqdiet u il-Kultura. Nhares b'entuzjazmu ghas-sena id-diehla biex nwettaq dawn l'affarijiet.

F'Mejju li ghadda harget ahbar sabiha mis-Sovraintendenza tal-Wirt Kulturali rigward sejba t'oqbra Punici gewwa ir-rahal taghna. Instabu ghaxar oqbra b'5 minnhom kienu ghadhom intatti u b'bosta oggetti bhal fuhhar u ghadam uman li kien ghadu go fijhom. Minnufih ghamilt kuntatt mas-Sovraintendenza fejn wasalna ghal ftejhim biex ghamilna wirja f'Ottubru li ghadda fil-gimgha iddedikata lil Jiem Ewropej Tal-Wirt. F'din il-wirja li saret gewwa id-Dar tal-Kejka kien hemm esebiti uhud mill-fdalijiet li nstabu u saru ukoll workshops dwar il-fuhhar u l'ghadam li nstab f'dawn l'iskavi. Wiehed mill-workshops sar mat-Tarxien Scouts Group li kienu ta' support biex stajna ntellghu din il-wirja tant interessanti. Il-hsieb hu li wirjiet bhal dawn isibu posthom fil-kalendarju Tarxiniz biex nibqghu nghozzu u nitghallmu dwar dak li jsawwar lil poplu Tarxiniz. Fi hsiebi hemm ukoll wirjiet ohra li nixtieq li jibdew jitellghu fix-xhur li gejjin fosthom wirjiet minn artisti Tarxinizi sabiex nghinuhom jesponu aktar ix-xoghol taghhom

.

Matul dan ix-xahar tisghtu taraw it-toroq ewlenin armati ghal Milied dan kollu qed isir mill-fondi tal-Kunsill u anke permezz t'ghajnuna li offra ir-Regjun Xlokk lil Kunsilli kollha li jaqaw fi hdanu, ta' dan nghidu grazzi lis-Sur Paul Farrugia President tar-Regjun taghna. Komplejt niehu hsieb ukoll il-pagna ta' Facebook tal-Kunsill taghna fejn dejjem ippruvajt nwassal l'informazzjoni li nkunu irridu nwasslu

bl'ahjar mod possibli kif ukoll dejjem ippruvajt li nwiegeb ilmenti jew mistoqsijiet li jidhlu fil-pagna fl'inqas hin possibli.

Fl'ahhar nixtieq nghid grazzi kbira lis-Sindku Joseph Abela Galea u lil shabi il-Kunsilliera tas-support li dejjem tawni matul din is-sena difficli ghal kullhadd. Grazzi lis-Segretarja Ezekuttiva Emma Vella li bil-ghaqal u tmexxija taghha fl'Amministarazzjoni il-Kunsill irnexxilu iqum fuq saqajh f'inqas min sena u nofs u fl'istess waqt kienet ta' spalla ghalijja kull meta kelli bzonn l'ghajnuna taghha f'dak kollu li xtaqt naghmel. Ma nista ma nsemmix lil haddiema kollha tal-Kunsill kemm ta' barra u anka tal-ufficcju taghna li ukoll dejjem kienu lesti jaghtu daqqa t'id anka wara il-hin tax-xoghol biex Hal Tarxien tassew ikun meqjus bhala wiehed mill-isbah fi gziritna.

Nixtieq nuri solidarjeta mal-Ghaqdiet u negozji fir-rahal taghna li qed isofru matul il-pandemija u nheggigom izommu sodi halli matul is-sena id-diehla nergaw nkomplu fejn hallejna b'aktar hegga u entuzjazmu minn qatt qabel.

**Ishmael Dalli**
**Kunsillier responsabbli minn Innovazzjoni u Saħħa**

Rigward is-saħħa ġiet kordinata it-tilqima staġunali kontra l-influwenza għas-snin 2019 u 2020. Illum il-ġurnata hu ppruvat li dieta bilanċjata u bnina hija il-bazi biex wieħed izomm f'saħħtu u jiġi inqas dipendenti mis-servizzi tas-saħħa. Għalhekk iddecidejt li tinghata prijorita lid-dieta bilanċjata Għas-sena 2020 kien hemm diskussjonijiet avvanzati dwar sessjonijiet ta tisjir bnin u konformi ma dieta tajba għas-saħħa. Dawn is-sessjonijiet kienu ser jieħdu forma ta' cooking classes pero faqqgħet il-pandemija u għalhekk dawn il-pjanijiet kellhom jiġu abbandunati ħesrem.

Fuq livell izjed bażiku min hekk, hemm bzonn li persuna ma jkollu l-ebda xkiel biex jaċċessa fiżikament is-servizzi jew il-professjonisti tas-saħħa. Għal dan il-għan qed isiru diskussjonijiet ma operatur biex min hu diġitalment illitterat xorta ikun jista jibbenefika minn ride pools li jiġbruh minn quddiem il-bieb tad-dar u jwassluh lejn Mater Dei jew iċ-ċentru tas-saħħa ta' Raħal Ġdid bil-booking li jkun immaniggjat mill-Kunsill. Ladarba dawn id-diskussjonijiet ikunu finalizżati ser jitressqu quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

Rigward l-innovazzjoni ser jibdew diskussjonijiet biex il-kunsill ikollu app biex dak li jkun ikun jista japplika ghal-permess jew japplika ghas-servizz tal-gbir ta liskart goff. Idea li qed tigi kkunsidrata hija ukoll reminder permezz ta sms rigward il-broza li jkun imiss tinhareg l-ghada. Hawn hekk ukoll ladarba id-diskussjonijiet ikunu finalizzati ser titressaq il-proposta quddiem il-kunsill biex tigi approvata.

**Anabelle Marmara'**
**Kunsilliera responsabbli minn Edukazzjoni, Familja u Ħarsien ta' l-Animali**

Minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid, ħafna mit-tagħlim sar onlajn. Bħalha Kunsilliera responsabli minn dan il-qasam, tajt l-għajnuna kollha lill-istudenti li riedu japplikaw għal skemi offruti mill-Ministeru tal-Edukazzjoni biex jibbenefikaw minn użu ta' kompjuters u internet matul il-pandemija. Iltqajt ukoll ma' bosta residenti u offrejt l-għajnuna biex japplikaw online għall-korsijiet li ġew provduti mid-Dipartiment tal-Lifelong learning.

Regolarment wassalt ilmenti ta' edukaturi u ġenituri dwar is-sitwazzjoni ta' parking quddiem l-iskola primarja u medja ta' Ħal-Tarxien. Għal dan il-għan, il-Kunsill ħa azzjoni biex jitneħħew oġġetti ta' żgombru u karozzi mhux liċenzjati minn quddiem l-iskola.

Wara laqgħat li kellhi ma' uffiċċjali tal-Edukazzjoni biex ninforma ruħi dwar is-sistema edukattiva ġewwa pajjiżna, tajt kontribut u wassalt diversi ilmenti u bżonnijiet tal-edukaturi fl-iskejjel ta' Ħal-Tarxien lil Ministeru tal-Edukazzjoni. Kellhi wkoll kuntatt regolari mall-ġenituri li għandhom it-tfal jattendu fl-iskejjel ta' Ħal-Tarxien.

Minħabba l-pandemija tal-Covid 19, matul dan il-perjodu ma kienx possibli li nattendi regolarment attivitajiet li jsiru fl-iskejjel tal-Istat ġewwa Ħal-Tarxien minħabba li ħafna minnhom ma sarux.

Wara li ġew identifikati familji vulnerabbli u li qegħdin f'riskju ta' faqar ġewwa l-lokalita', kompla jinżamm kuntatt regolari magħhom u baqgħu jiġu mejgħuna permezz ta' affarijiet materjali u xirjiet li ġew miġbura minnhi. Dawn il-familji komplew jiġu wkoll riferuti lill-entitajiet kompetenti f'dan il-qasam. Aktar minn hekk, dawk li huma vera fil-bżonn komplew jiġu mogħtija ikla kuljum mill-grupp volontarju "Familji fil-Bżonn".

Fuq inizjattiva personali ħassejt il-bżonn li nqassam ammont ta' maskli lill familji bħalha prekawzjoni waqt il-pandemija. Minħabba li parti minnhom saru minn fondi personali u parti oħra ġew sponsorjati, ma kienx possibli li tingħata maskla lil kulħadd ġewwa Ħal-Tarxien.

Din is-sena applikajna għall-iskema pprovduta mid-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Annimali biex nibbenefikaw minn fondi sabiex jinbnew xelters għall-qtates ta' barra u tingħata għajnuna lill-feeders ġewwa l-lokalita'. Sar eżerċizzju estensiv biex tinġabar l-informazzjoni kollha meħtieġa mid-Dipartiment dwar dawn il-*feeders*, iż-żoni fejn jistgħu jinbnew ix-xelters kif ukoll ġbarna kwotazzjonijiet tal-ispejjeż relatati. Wara li d-Dipartiment evalwa l-applikazzjoni tagħna, din ġiet aċċettata ul-Kunsill Lokali se jibbenefika minn tmint elef Ewro (€8,000). Il-Kunsill approva wkoll li jżid elfejn Ewro (€2,000) oħra biex b'hekk is-somma totali għal dan il-għan issa tlaħħaq għaxart elef Ewro (€10,000). Permezz ta din l-iskema, l-Kunsill ġie mogħti wkoll għoxrin (20) vawċer biex jiġu użati għal *neutering* ta dawn il-qtates. Bħalissa qegħdin fil-proċess li jibdew jitqassmu l-vawċers tal-ikel lill *feeders* u jibdew jinbnew ix-xelters fdiversi żoni ġewwa Ħal-Tarxien.

## 4.2 *Konkluzjoni*

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien għas-sena 2020 (Jannar-Dicembru). Ta' min jinnota li matul is-sena, apparti l-ħidma bla waqfien li saret mis-Sindku, l-Vici Sindku u l- Kunsilliera, saru ħafna aktar interventi u xogħolijiet mill-impjegati tal-Kunsill kemm dawk klerikali kif ukoll il-haddiema assenjati flimkien mas-Segretarji Eżekuttiv.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz lir-residenti tiegħu, għaliex dan huwa l-għan tal-ħidma ta' l-istess Kunsill u ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

Emma Vella
*Segretarju Ezekuttiv*